MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 42/2009/1

**B.Tagliaferro & Sons Limited [C 817]**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Art u l-Avukat Generali**

## Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli maghmula, wiehed mis-socjeta` rikorrenti [ir-rikorrenti] u l-iehor mill-intimati, minn sentenza fit-12 ta' Ottubru 2012 moghtija mill-Onorabbli Qorti Prim' Awla Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali

taghha, li biha dik il-Qorti ddeciediet hekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti:

"....  billi fl-ewwel lok, tichad it-talbiet relatati mal-fatt innifsu tal-esproprju tal-fondi mertu tal-kawza, u ghalhekk tichad it-talbiet in kwantu diretti ghad-dikjarazzjoni li l-esproprju in kwistjoni lleda xi dritt fondamentali tas-socjeta` rikorrenti;

"fit-tieni lok, tilqa' t-talbiet relatati mad-dewmien tal-procedura kollha, fil-komplessita` kollha taghha, u tqis li tali dewmien jikser id-dritt tas-socjeta` rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli fir-rigward tad-determinazzjoni tad-drittijiet civili taghha, u dan bi vjolazzjoni tal-artikoli 6[1] tal-Konvenzjoni Ewropea, u d-dritt tal-istess socjeta` ghall-godiment tal-proprjeta` taghha that l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

"fit-tielet lok, tichad it-talbiet relatati mal-pretensjoni li s-socjeta` rikorrenti qeghdha llum issofri min-nuqqas ta' access ghall-awtorita` gudikanti kif protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, izda ssib li dan il-ksur kien jezisti bejn l-1993 u l-2009;

"fir-raba' lok, tichad it-talba ghall-kumpens ta' danni reali; u

"fil-hames lok, tilqa' t-talba ghall-hlas tad-danni morali, u tikkundanna lill-intimat Kummissarju tal-Art [responsabbli mid-dewmien fil-process] u lill-Avukat Generali [peress li ghal tul ta' snin is-socjeta` rikorrenti thalliet bla rimedju ghal quddiem awtortita` gudikanti kif trid il-Konvenzjoni Ewropea] in solidum ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €10,000 in linea ta' danni morali.

"L-ispejjez tal-kawa ghandhom jithallsu bin-nofs bejn is-socjeta` rikorrenti fuq naha wahda u l-intimati in solidum fuq naha ohra, b'dan, pero` li l-ispejjez kollha marbuta u/jew relatati mal-perizja teknika ghandhom jithallsu mis-socjeta` rikorrenti."

2. Fl-appell taghha r-rikorrenti, wara espozizzjoni estensiva tal-erba' aggravji taghha, fis-succint talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassar dik il-parti fejn cahdet it-talbiet taghha, filwaqt li tikkonferma l-parti fejn laqghet it-talbiet taghha, salv ghall-quantum tal-kumpens li skont hi ghandu jizdied.

3. Fl-appell taghhom l-intimati talbu li s-sentenza appellata tigi revokata f'dik il-parti li fiha laqghet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, inkluz l-ghoti tal-kumpens, u tikkonfermaha ghal bqija.

4. Iz-zewg partijiet, ghar-ragunijiet indikati fir-risposta relattiva taghhom, talbu c-cahda reciproka tal-appelli rispettivi taghhom.

**<u>Sentenza Appellata</u>**

5. Il-fatti huma sufficjentement riportati fis-sentena appellata li qed tigi riprodotta *in extenso*:

.................................... omissis ....................................

"Illi jirrizulta li fl-1993, l-intimat Kummissarju tal-Art, f'isem il-Gvern ta' Malta, esproprja diversi bini fi Triq id-Dejqa u fi Triq l-Arcisqof, il-Belt Valletta, sabiex jigu konvertiti u uzati bhala ufficju tal-Avukat Generali. Uhud mill-bini jappartjenu fi proprjeta` lis-socjeta' rikorrenti f'din il-kawza u lis-socjeta' rikorrenti fil-kawza konnessa, u dan flimkien ma' terzi. Ghal zmien twil, ma sar xejn fir-rigward, u jirrizulta li peress li f'parti mill-bini kien hemm squatters u inkwilini, l-awtoritajiet governattivi ma setghux jiehdu pussess tal-istess. Fil-fatt, ghalkemm ftit wara l-esproprju kienu saru pjanti preliminari ghall-izvilupp tal-istess bini, bejn l-1996 sa l-2007, il-pozizzjoni kienet illi l-Avukat Generali kien qed jinterpella diversi drabi lid-dipartiment tal-artijiet sabiex dawn jiehdu passi biex is-sit jigi vakat. Min-naha l-ohra, dan id-dipartiment kien jikteb lill-awtorita` tad-djar biex din tipprovdi akkomodazzjoni alternattiva fejn ikunu jistghu jpoggu l-isquatters u l-inkwilini li kienu qeghdin jokkupaw parti minn dan is-sit. Kien mistenni li dawn l-inkwilini japplikaw huma ma' l-awtorita` ghall-post alternattiv, izda uhud mill-inkwilini ma applikawx ghall-post

alternattiv, bir-rizultat li l-process ta’ rilokazzjoni ha tul ta’ zmien. Eventwalment, il-problema waslet ghal quddiem il-Ministru tal-Gustizzja, u f’April tas-sena 2000 u f’Jannar tal-2001, inhargu “eviction orders” fil-konfront tal-persuni in okkupazzjoni ta’ uhud mill-bini in kwistjoni.

“Nonostante dan, baqghet ghaddejja korrispondenza bejn il-Kummissarju tal-Art u l-Awtorita` tad-Djar biex il-persuni li kienu baqghu fil-post jinstabilhom akkomodazzjoni alternattiva. Fil-frattemp, fl-2003, is-socjeta’ rikorrenti bdiet hi b’korrispondenza mal-Kummissarju tal-Art sabiex tithallas kumpens xieraq ghall-fondi mehuda; bi protest gudizzjarju tat-30 ta’ Lulju 2008, is-socjeta’ rikorrenti talbet li jigu ritornati lilha l-fondi u li tithallas kumpens ghall-okkupazzjoni mill-1993 sal-gurnata tar-rilaxx effettiv. Il-Kummissarju tal-Art ma wegibx ghall-ittri u ghall-protest gudizzjarju li ntbghatlu, pero`, kompla bl-isforzi tieghu biex il-bini jitbattal. Jidher li fl-2007 hareg kulhadd u wara li tressqu pjanti godda lill-Awtorita` Maltija tal-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) sabiex l-izvilupp jigi approvat, il-process beda jimxi b’pass imdaqqas. Bhal issa, l-applikazzjoni tal-Avukat Generali ghall-izvilupp tas-sit qed jigi processat mill-imsemmija awtorita`. Il-gvern, f’Gunju tal-2009, hareg ukoll dikjarazzjoni gdida ta’ tehid ta’ proprjeta` u bil-hsieb li jinnotifika lis-sidien bil-kumpens li qed joffri; b’hekk, issa, il-Gvern sar proprjetarju tal-bini bis-sahha tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta’ Malta).

“Is-socjeta’ rikorrenti ressqet diversi ilmenti marbuta ma’ dan l-esproprju u d-dewmien fil-konkluzjoni tal-process relattiv ghall-hlas ta’ kumpens xieraq u gust; in partikolari tilmenta mill-fatt tat-tehid tal-proprjeta` taghha ghall-iskop indikat, mit-tul ta’ zmien (16-il sena) biex inbdew il-proceduri ghall-hlas ta’ kumpens, u mill-fatt li ma kellhiex access ghal tribunal indipendenti u imparzjali fejn tressaq l-ilmenti taghha.

“Trattat l-aggravji marbuta mal-esproprju tal-bini u l-iskop li ghalih sar dan it-tehid, is-socjeta’ rikorrenti targumenta li l-uzu intenzjonat ghall-bini, biex iservi bhala ufficcju tal-Avukat Generali, ma jinkwadrax fi “skop pubbliku” fis-sens

tal-ligi, u, f'kull kaz, il-Gvern ghandu diversi proprjeta` tieghu li jista' juza' ghal dan l-iskop u ma kellux ghalfejn jiehu u jinqeda bi proprjeta` taghha.

"… … … din il-Qorti hi tal-fehma, li, f'dan il-kaz, l-uzu prospettat tal-bini biex iservi bhala ufficcju tal-Avukat Generali, jissodisfa l-iskop tal-interess pubbliku kif mehtieg fil-ligi. L-iskop ma jistax jinghad illi huwa wiehed privat, ghax li l-Avukat Generali jkollu ufficcju denju tal-isem huwa zgur fl-interess tac-cittadini in generali. L-Avukat Generali jwettaq doveri kostituzzjonali u fl-interess tal-istat Malti, u ma jistax jinghad li l-proprjeta` qed tittiehed fl-interess esklussivament privat. Wiehed irid ifakkar li l-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, invokata mis-socjeta' rikorrenti bhala bazi tal-lanjanzi taghha, ma tippermettix it-tehid ta' proprjeta` privata ssir "ghal skop pubbliku", izda tippermetti li ssir "fl-interess pubbliku", u ghalkemm il-frazi "skop pubbliku" tista' titqies li taghti aktar latitudini lill-Gvern dwar x'inhi r-raguni tal-esproprju, l-"interess pubbliku" huwa sodisfatt meta jirrizulta li l-esproprju jkun mehtieg biex tiggova lill-komunita`, anke jekk dan kien mehtieg li jsir a skapitu tal-interess privat.

"F'dan il-kaz, it-tehid ma sarx "to confer a private benefit on a private party", izda fl-interess generali tac-cittadini. L-Avukat Generali, bhal issa, qed jinqeda mill-bini maghruf bhala l-Main Guard, fil-pjazza San Gorg, u mill-parti tal-Palazz tal-President ta' Malta, u d-decizjoni tal-Gvern li johrog l-ufficcju minn dan il-Palazz biex dan jinghata lura d-dinjita` li tixraqlu, ma tistax titqies mhux fl-interess generali. Inoltre, il-funzjonijiet tal-Avukat Generali qed jizdiedu b'pass mghaggel u fejn bhalissa hu allokat ma jistax jespandi, u ghandu bzonn post akbar biex ikun jista' jwettaq ahjar il-funzjonijiet tieghu. Li l-Avukat Generali jigbor l-ufficcju tieghu f'post wiehed u aktar adattat ghalih huwa zgur fl-interess pubbliku, ghax hu fl-interess ta' kulhadd li dan l-ufficcju jopera b'aktar efficcjenza u speditezza. Din il-Qorti tara li, f'dan il-kaz, inholoq "a fair balance" bejn l-interess generali tal-komunita` u l-htiega ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu, mehud in konsiderazzjoni li l-

uzu tal-proprjeta` huwa ta' interess u ta' importanza kbira ghall-universalita` tal-pubbliku fl-istat Malti. Il-privazzjoni li l-individwu garrab bit-tehid tal-proprjeta` tieghu, ma hijiex wahda arbitrarja, ghax l-esproprju sar "*in pursuance of legitimate social economic or other policies*" – kif intqal fil-kaz "James et vs United Kingdom", deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-1986 – u, allura, konformi ma' dak li trid il-Konvenzjoni Ewropea msemmija.

"Is-socjeta' rikorrenti tilmenta li l-Gvern ma kellux ghalfejn jiehu l-proprjeta` taghha ghall-ghan mixtieq, u seta' inqeda b'diversi proprjeta` ohra li diga` jappartjenu lilu. Din il-Qorti ma tarax li ghandha tindahal fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Gvern dwar kif juza l-proprjeta` tieghu. Il-Gvern seta' , per ezempju, iddecieda li jpoggi l-ufficcju tal-Avukat Generali fil-forti ta' Sant'Iermu, jew f'xi bini iehor gewwa l-Belt, pero`, ma tarax li l-Gvern ha decizjoni irragjonevoli meta ddecieda li juza bini kwazi vojt, li jofri spazju imdaqqas u vicin il-bini tal-Qorti ghal dan l-iskop. Id-decizjoni li ha l-Gvern hi wahda amministrattiva, u l-qrati ma jistghux jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dik tal-awtoritajiet kompetenti.

"Sakemm id-decizjoni tkun intra vires il-poteri tal-amministrazzjoni u mhux irragjonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz, dik id-decizjoni trid tigi rispettata. Kif inghad, ufficcju imdaqqas u adegwat ghall-Avukat Generali huwa fl-interess generali, u li dan jinholoq f'binja battal li jista', tal-anqas minn gewwa, jigi modifikat ghall-uzu mehtieg, u bl-anqas xkiel ghall-uzu li qed isir fi proprjeta` ohra tal-Gvern, ma jistax jitqies irragjonevoli. Kwindi, din il-Qorti qed tichad l-ewwel ilmenti tas-socjeta' rikorrenti marbuta mal-esproprju u mal-uzu kontemplat li jsir mill-bini esproprjat.

"Hu veru li d-dewmien fl-esekuzzjoni tal-progett jista' jindika li dan l-"interess pubbliku" spicca... ... ...

"F'dan il-kaz, pero`, din il-Qorti tghid li l-interess generali ghadu vigenti u attwali. L-Avukat Generali qatt ma warrab dan l-interess u ghalkemm kien hemm dewmien fil-

process (dewmien li, dwar in-natura tieghu, il-Qorti sejra tistharreg ‘l quddiem), il-bini esproprjat baqa’ “ear marked” ghall-istess skop, u fil-fatt, f’dawn l-ahhar snin, il-process jidher li ha spinta, u l-iskop qatt ma gie abbandunat.

“Kif intqal, it-tehid ta’ proprjeta` irid johloq “a fair balance”, bejn l-interessi tal-istat u dawk tal-individwu koncernat. Dan il-bilanc jesigi li l-process ta’ tehid u ghoti ta’ kumpens jinghalaq fi zmien ragjonevoli. F’dan il-kaz, hi determinazzjoni ferma ta’ din il-Qorti li f’dan is-sens dan il-bilanc ma giex rispettat. L-esproprju, kif inghad, sar fl-1993, izda ghal zmien twil ma sar xejn, u l-Gvern dam sal-2007 sabiex, fl-ahhar, hareg lil kulhadd mill-bini. Hu veru li l-gvern jista’ jargumenta li ma kellux rizorsi bizzejjed biex jakkomoda lil kull min jabita fil-bini, izda jekk kien hekk allura ma kellux jiffriza l-proprjeta` ghall-erbatax-il sena, imma kellu jahseb li jkollu akkomodazzjoni alternattiva qabel ma jipprovdi bl-esproprju. Meta gvern irid imiexxi bis-serjeta’ bi progett, mhux l-ewwel darba li jaqbez il-burokrazija u jsib alternattiva ghal min ikun in okkupazzjoni tal-bini li jrid juza; l-esperjenza ricenti ta’ meta l-Gvern battal il-hwienet madwar Bieb il-Belt f’qasir zmien fid-dawl tal-progett in konnessjoni mad-dahla ghall-Belt huwa ezempju car!

“Darba li l-Gvern iddecieda li jesproprja l-bini, kellu jiehu passi biex iwettaq il-progett fi zmien qasir, u mhux idum seba’ snin biex anke johrog l-eviction orders kontra l-persuni in okkupazzjoni ta’ partijiet mill-bini. Din il-Qorti ma taccettax li l-awtorita` kellha tieghu erbatax-il sena biex tizgombra lil min kien in okkupazzjoni u tipprovdilhom l-akkomodazzjoni alternattiva. Hu car li, ghall-ewwel snin, ma kienx hemm impenn serju biex il-bini jigi vakat, u l-materja thalliet tinhema fil-burokrazija tac-civil Malti. Kien, tista’, tghid fl-ahhar hames/sitt snin li l-materja bdiet tigi trattata b’aktar serjeta’, izda ghal dan id-dewmien kollu, precedenti u anke ricenti, zgur ma ghandhiex tbati s-socjeta’ rikorrenti. Process ghaqli ma kellux jiehu aktar minn sentejn, forsi tlett snin, izda erbatax-il sena huwa zgur irragjonevoli.

"Inoltre, tul dan iz-zmien kollu, anzi sal-2009, is-socjeta' rikorrenti mhux biss thalliet bla kumpens, izda lanqas biss saret offerta ta' kumpens, b'mod li s-socjeta' baqghet ma tafx x'sejjer jigri bi proprjeta` taghha, u lanqas setghet tipprocedi gudizzjarjament biex tikkontesta l-offerta' li suppost saritilha fi zmien qasir u ragjonevoli mill-esproprju. Dan id-dewmien tellef lis-socjeta' rikorrenti milli tikkawtela kif imiss id-drittijiet taghha... ... ...

"Hu veru li s-socjeta' rikorrenti setghet agixxiet gudizzjarjament biex il-qrati jimponu termini fuq l-intimat biex dan imexxi bil-process, pero` dan jista' semmai jinfluwixxi l-quantum tad-danni peress illi din il-Qorti tqis li l-obbligu biex jimxi tempestivament hu mixhud fuq l-intimat Kummissarju tal-Art, u jmur kontra kull rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-persuna li wiehed jippretendi mhux biss li ghandha ggor il-piz tal-esproprju izda wkoll li sabiex l-awtorita` pubblika toqghod mal-obbligi imposti fuqha bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea jrid ikun l-istess vittma li jistitwixxi proceduri biex jigi ffissat terminu li fih l-awtorita` pubblika ghandha taqdi d-dmirijiet taghha.

"Kwindi, din il-Qorti tara li fil-kaz, kien jezisti ksur tad-dritt tas-socjeta' rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli fir-rigward tad-determinazzjoni tad-drittijiet civili taghha u dan bi vjolazzjoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u <u>fil-limiti tad-dewmien</u> li ttiehed biex il-kaz jigi processat kif imiss, issib ukoll li jezisti ksur tad-dritt tas-socjeta' ghall-godiment tal-proprjeta` taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, fil-waqt li issib, pero`, li kien hemm u ghad hemm skop pubbliku li hu konkret u reali ghall-esproprjazzjoni tal-fondi in kwistjoni.

"Imiss issa li jigu mistharrga l-ilmenti tas-socjeta' rikorrenti marbuta mal-indipendenza u l-imparzjalita` tal-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet (il-Bord), u li taffettwa d-dritt taghha ta' access ghal-qrati jew tribunal. Dan qed jinghad fid-dawl ta' dak li kien u ghadu jipprovdi l-Kap. 88 aktar qabel imsemmi dwar il-hatra ta' Chairman tal-Bord, u fid-dawl ta' dak li gie asserit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza

"Frendo Randon et vs Il-Kummissarju tal-Art et", deciza fl-10 ta' Lulju, 2009.

"Dwar l-ewwel kwistjoni, is-sottomissjoni tas-socjeta' rikorrenti hi bazata fuq il-fatt li l-ligi, fl-artikolu 23(2), tiddisponi li c-Chairman tal-Bord jinhatar mill-President ta' Malta, izda ma tghix kif jitnehha. Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jaghti fakulta' lill-Prim' Imhallef jassenja d-doveri lill-imhallfin u l-magistrati, izda l-Bord mhux wiehed mill-qrati kontemplati f'dak il-Kodici u, ghalhekk, il-poteri li ghandu l-Prim' Imhallef, moghtija lilu b'dak il-Kodici, jistghu ma jitqisux applikabbli ghall-Bord mahtur taht il-Kap. 88 imsemmi.

"Bhala fatt, jirrizulta li l-hatra ta' Chairman tal-Bord, almenu f'dawn l-ahhar snin, dejjem saret mill-President ta' Malta b'effett minn data partikolari, izda bla terminu ta' zmien. L-ahhar li inhatar jidher li kien il-Magistrat Dott. Giovanni Grixti b'avviz ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u datat 5 ta' Marzu, 2007. Qablu kien jippresjedi l-Bord, il-Magistrat Dott. Joseph Cassar, li baqa' jokkupa din il-kariga sa ma irtira bl-eta'. Qabel dan kien hemm il-Magistrat Dott. Joseph Apap Bologna, li nhatar b'effett mill-21 ta' Mejju, 1997, li, pero`, ma baqax jokkupa dik il-kariga billi semplicement gie sostitwit bil-Magistrat Dott. Joseph Cassar b'sehh mill-15 ta' April, 2003. Kien hemm zmien ukoll li l-kariga ta' Chairman kienet okkupata mill-Magistrat (illum Imhallef) Dott. Gino Camilleri, li gie sostitwit hekk kif ha l-hatra ta' imhallef. Wisq probabbli l-istess gara meta l-Bord kien ippresjedut mill-Magistrat, illum Imhallef irtirat, Dott. Geoffrey Valenzia.

"Is-socjeta' rikorrenti tilmenta li dan il-bdil sar b'mod illegali ghax il-ligi ma tipprovdix ghat-tnehhija jew sostituzzjoni tac-Chairman tal-Bord, u l-fakulta' li akkreka ghalih il-Gvern (li fuq il-parir tieghu, il-President ta' Malta jkollu jagixxi skont il-Kostituzzjoni) li jbiddel ic-Chairman wassal ghall-ksur tal-jedd taghha li jkollha smiegh minn Tribunal indipendenti u imparzjali. F'dan il-kaz, il-problema tikber, dejjem skont is-socjeta' rikorrenti, peress li l-Gvern huwa dejjem parti interessata f'kull kawza li titresssaq quddiem il-Bord.

“Ebda gudikant li kien jippresjedi l-Bord u li xehed quddiem din il-Qorti ma indika li qatt kellu xi forma ta’ pressjoni jew indhil biex jiddeciedi xi kawza b’xi mod partikolari, u lkoll xehedu li s-sentenzi inghataw skont il-ligi u l-kuxjenza, kif wiehed , del resto, kien jistenna. Fil-kaz tal-Magistrat Dott. Apap Bologna dan xehed li gie sostitwit meta l-Prim’ Imhallef ta’ dak iz-zmien indikalu li xtaq jahtar Chairman gdid u hu accetta li jimxi mal-hsieb tal-Prim’ Imhallef; qatt ma tnehha formalment mill-kariga, pero`, kien inhatar bhala Chairman tal-Bord minfloku l-Magistrat Dott. Joseph Cassar.

“Din il-Qorti tqis li ghalkemm jista’ jkun li hemm lacuna fil-ligi li ma tipprovdix ghas-sostituzzjoni tac-Chairman tal-Bord skont l-esigenzi, ma tarax li dan in-nuqqas ghandu jwassal biex il-Bord ma jitqisx indipendenti u imparzjali. Il-fatt li l-Bord hu presjedut minn magistrat jew imhallef hu bizzejjed biex jigi garantit l-indipendenza u l-imparzjalita` tac-Chairman. Kull magistrat jew imhallef hu mghoni b’dawn il-karatteristici u din il-Qorti ma ghandha ebda dubju dwar l-integrita` ta’ kull gudikant li ppresjeda jew qed jippresjedi fuq il-Bord. Il-fatt li magistrat sedenti jinbidel b’magistrat iehor – sakemm ma jkunx hemm cirkostanzi cari li juru li s-sostituzzjoni tkun saret ghal skopijiet ulterjuri jew biex jigi “kastigat” xi gudikant – ma jnaqqas xejn mill-indipendenza u l-imparzjalita` tieghu. Fil-fehma tal-Qorti ma jezistux “ascertainable facts which may raise doubts as to the impartiality of judges who decide the case”. Ghalkemm l-apparenza hija importanti, “the appearances have to be tested against the objective reality behind them” u dak li hu essenzjali hu li l-gudikant ikun “free from directives or pressures from the fellow judges or those who have administrative responsibilities in the court such as the president of the court or a president of a division in the court” – “Parlov – Tkalcic vs Croatia”, deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-22 ta’ Dicembru, 2009. Din il-Qorti hi konvinta li ma jezistux dawn id-direttivi jew pressjoni dwar il-mod ta’ kif jigu decizi kawzi. Sostituzzjoni jew bidla fid-doveri ta’ gudikant in bona fede u minhabba l-esigenzi tas-servizz ma timpingix

fuq id-dritt ta' dak li jkun ghal smiegh xieraq fit-termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea... ... ...

"Anke f'dan il-kaz, ma jirrizultax li b'xi mod saret xi interferenza fil-funzjoni aggudikanti ta' xi gudikant li kien jippresjedi l-Bord.

"Apparti dan, pero`, kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza msemmija ta' "Frendo Randon", il-Bord, kif kostitwit qabel l-emendi li saru fl-2009, ma kienx jaghti affidament ta' smiegh xieraq minhabba l-mod tal-hatra tal-membri teknici tal-istess Bord. Hu veru li decizjoni tal-Qorti li tiddikjara provvediment tal-ligi anti-kostituzzjonali, ma ghandhiex effett erga omnes, u dan kif iddecidiet l-istess Qorti Kostituzzjonali f'kawzi ohra, pero`, din il-Qorti taqbel ma dak li osservat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza ta' "Frendo Randon" fil-kuntest tal-indipendenza u l-imparzjalita` tal-Bord kif kien qabel l-emendi tal-2009... ... ...

"... ... ... isegwi li s-socjeta' rikorrenti, sa l-2009, ma kellhiex access ghal tribunal indipendenti u imparzjali, anke kieku l-Kummissarju tal-Art agixxa tempestivament biex iressaq il-kaz ghal quddiem il-Bord. Dan ma jistax jinghad ghas-sitwazzjoni kif inhi issa wara li dahlu fis-sehh l-emendi introdotti fil-ligi bl-Att XXI tal-2009. Il-pozizzjoni tal-membri teknici tal-Bord inbidlet u fil-waqt li dawn jinhatru ghall-kaz mic-Chairman biex jassistuh fid-deliberazzjonijiet tieghu, id-decizjoni tittiehed dejjem mill-Magistrat Chairman – artikolu 25(5) tal-Kap. 88. Apparti dan, issa hemm appell ghal quddiem il-Qorti tal-Appell "fuq kwalunkwe wahda mill-materji" indikati fl-istess artikolu 25. Dan ifisser li llum, is-socjeta' rikorrenti ghandha garanzija mhux biss li l-kaz taghha jinstema' u jigi deciz minn Chairman ta' Bord, li ghandu jkun magistrat jew imhallef, izda bi dritt ta' appell ghal quddiem il-Qorti tal-Appell, li zgur toffri garanzija ta' smiegh indipendenti u imparzjali. Kwindi ma jistax jinghad li llum is-socjeta' rikorrenti qed tigi mcahhda mid-drittijiet fundamentali taghha taht il-Kovenzjoni Ewropea, u darba tigi notifikata bl-att gudizzjarju li l-intimat Kummissarju tal-Art ressaq f'Gunju tal-2009 quddiem il-Bord, allura hi tista' tipprocedi

normalment quddiem l-istess Bord biex dan jiffissa l-kumpens gust f’kaz li ma taqbilx mal-kumpens issa offrut.

“Din il-Qorti, ghalhekk, ma tqisx li ghandha, b’xi mod, tiffissa l-kumpens hi ghat-tehid sforzuz li sar tal-proprjeta` taghha, peress li din hi materja li ghandha u tista’ validament tigi mistharrga mill-organi stabbiliti bil-ligi. Din it-talba tas-socjeta’ rikorrenti ghandha, ghalhekk, tigi michuda, peress li issa ghandha access ghall-awtorita` gudikanti kif protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan anke ghall-fini tad-determinazzjoni tal-kumpens gust. Jekk il-kumpens ikunx, fil-fatt, wiehed gust, huwa intempestiv li jigi mistharreg f’dan l-istadju, peress illi dan il-kumpens ghadu jrid jigi iffissat mill-Bord. Huwa biss wara li l-kumpens jigi finalment deciz mill-Bord u, jekk ikun il-kaz, wara li jkun hemm id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, li wiehed ikun jista jikkunsidra jekk il-kumpens li gie deciz li hu dovut lis-socjeta’ rikorrenti huwiex wiehed xieraq u adegwat.

“Is-socjeta’ rikorrenti qed tallega wkoll illi mhux qeghdin jinghataw u/jew x’aktarx mhux se jinghataw smiegh fi zmien ragjonevoli mill-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet. Ghandu jigi enfasizzat illi sabiex jigi determinat jekk il-proceduri in kwistjoni hadux “zmien ragjonevoli”, mhux mehtieg li l-istess proceduri jridu jkunu gia’ decizi b’mod finali (differenti hu l-kaz ghal dak li jirrigwarda jekk is-smiegh kienx wiehed “xieraq” – “fair” – ghax f’dak il-kaz wiehed irid necessarjament jara l-proceduri fit-totalita` taghhom). Fl-ewwel lok, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 319 jipprovdi illi: “*Kull persuna li tallega li xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun gie, <u>ikun qed jigi jew ikun x’aktarx ser jigi miksur dwarha</u>, ... ... tista’ ... ... titlob lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju.”* (enfasi ta’ din il-Qorti). Ghalhekk huwa sufficcjenti li jkun hemm il-potenzjalita` konkreta ta’ ksur ta’ dritt fundamentali, sabiex il-persuna koncernata tkun tista’ titlob rimedju lill-Prim’ Awla. Fit-tieni lok, anke l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kemm-il darba kkunsidrat jekk applikant ikunx qed jinghata smiegh fi zmien ragjonevoli, meta l-kawza li jkun qed jilmenta mid-dewmien taghha, tkun ghadha ma gietx deciza finalment.

Fil-fatt l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jirreferu ghal kaz **Guincho v. Portugal**, deciza fl-10 ta' Lulju, 1984, fejn il-Qorti Ewropea kkunsidrat illi "*nearly four years for a personal injuries claim that was still pending before the trial court was 'at first sight' unreasonable for a single jurisdictional level ... ...*" u fil-fatt sabet ksur ghad-dritt ta' smiegh fi zmien ragjonevoli.

"F'dan il-kaz il-proceduri quddiem il-Bord ghadhom fl-istadju inizjali taghhom. Kif intqal saret id-dikjarazzjoni tal-akkwist fil-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Gunju, 2009, u sar id-depozitu tal-kumpens offrut kif titlob il-ligi. Jidher, pero`, li ghada ma saritx notifika tal-att lill-proprjetarji jew lill-kuraturi biex jirrapprezentaw sidien ignoti kif titlob il-ligi, b'mod li l-istess proprjetarji ghadhom ma jistghux jibdew proceduri quddiem il-Bord ghall-fisazzjoni tal-kumpens gust. Skont il-Kummissarju tal-Art, issa li l-avviz ta' tehid gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, sta ghall-proprjetarji javvicinawh u jressqulu prova tat-titolu; jekk isir hekk, fil-konfront tieghu tinhareg ittra ufficcjali' imbaghad jekk ma jaqblux mal-istima, ikunu jistghu jikkontestaw l-istess quddiem il-Bord. Il-ligi, pero`, ma tipprovdix dan. Hi trid li l-ittra ufficcjali tigi notifikata "lil kull sid u kull bniedem iehor li ghandu interess skont il-ligi fl-art imsemmija fid-dikjarazzjoni" (artikolu 9), u jekk is-sid jew wiehed mis-sidien ma jkunx maghruf, il-Kummissarju tal-Art ghandu jipprocedi billi jitlob il-hatra ta' kuraturi skont il-ligi (artikolu 10).

"F'dan il-kaz, ma jidhirx li din il-procedura giet segwita, avolja minn korrispondenza li ghaliha saret referenza jirrizulta li l-Kummissarju tal-Art kien zgur jaf bl-interess fl-art tas-socjeta' rikorrenti qabel anke ma infethu dawn il-proceduri. Lanqas wara li bdew dawn il-proceduri ma jidher li sar tentattiv ta' notifika lir-rikorrenti. Il-process jidher li ghadu stagnat peress li l-intimat Kummissarju tal-Art naqas u qed jonqos milli jipprocedi kif trid il-ligi. ... ... ...

"Ghal dan id-dewmien ghandu jwiegeb ghad-danni l-istess Kummissarju tal-Art.

"Fil-waqt, allura, din il-Qorti ma ssibx li issa s-socjeta' rikorrenti qed issoffri min-nuqqas ta' access ghall-awtorita` gudikanti, issib li dan in-nuqqas kien isehh mill-1993 sal-2009, u li l-istess socjeta' kienet u ghadha ssoffri nuqqas ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli – zewg kuncetti differenti kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-paragrafu 52 tas-sentenza taghha fil-kawza "Frendo Randon" aktar qabel imsemmija.

"Ghad-diversi nuqqasijiet, din il-Qorti tara li ghandha tillikwida danni morali kif ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kazijiet ta' "Vica Ltd" u "Frendo Randon" imsemmija fil-kors ta' din is-sentenza. Is-socjeta' rikorrenti talbet ukoll danni reali. Hu fatt li, fil-verita` hemm zewg tipi ta' 'danni' li ghalih is-socjeta' rikorrenti tista' tkun intitolata, dawk morali, ghall-oltragg li garrab bl-aggressjoni tal-intimati, u dawk civili jew materjali, ekwivalenti ghat-telf ta' qliegh futur rizultanti minn loss of use. Normalment, id-danni tal-ahhar tip jintalbu bhala rimedju ordinarju f'kawza quddiem il-qrati ordinarji. … … …

"Apparti dan, is-socjeta' rikorrenti, gabet prova ta' kemm hu l-valur tal-bini esproprjat, pero`, ma urietx x'danni soffriet realment minhabba d-dewmien mehud in konsiderazzjoni li l-proprjeta` baqghet taghha sal-2009 (meta sar tehid sforzuz skont il-ligi) u li allura hi setghet sa dakinhar tbiegh u tiddisponi mill-istess proprjeta`.

"Fil-likwidazzjoni tal-kumpens, din il-Qorti se tiehu qies ukoll dak li osservat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Frendo Randon", imsemmija aktar qabel, fis-sens li gej:

***"62.*** *Inoltre, hemm konsiderazzjoni ohra pertinenti ghall-kaz in dizamina. Kif gie rilevat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha* ***Paul Fenech vs. Kummissarju tal-Artijiet*** *deciza fl-20 ta' Frar 2009, f'kazijiet bhal dak odjern kien jezisti rimedju ordinarju, fejn sid l-art jistitwixxi proceduri civili fejn jitlob lill-Qorti tiffissa terminu qasir u perentorju li fih il-Kummissarju tal-Artijiet irid jagixxi biex ikompli l-procedura tal-esproprjazzjoni. Ghalkemm ir-rikorrenti appellanti utilizzaw dan ir-rimedju biss fl-1996, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li huma kellhom jaghmlu*

*uzu minn dan ir-rimedju ghexieren ta' snin qabel, u kieku ghamlu hekk, forsi li d-dewmien f'dan il-kaz kien jonqos konsiderevolment. Konsegwentement, fil-likwidazzjoni tad-danni morali, ghandu jittiehed ukoll kont tal-fatt li r-rikorrenti appellati jahtu wkoll f'certu sens, ghalkemm b'mod limitat hafna, ghal dan id-dewmien ghaliex ghal snin shah naqsu li jutilizzaw rimedju ordinarju disponibbli ghalihom."*

"Is-socjeta' rikorrenti, f'dan il-kaz, qatt ma utilizzaw ir-rimedju ordinarju, izda ressqu din il-kawza biss hafna snin wara li harget l-ewwel dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni. Minhabba f'hekk, ghandu jkun hemm temperament fid-danni morali ffissati bhala kumpens. Din il-Qorti kkunsidrat ukoll li s-socjeta' rikorenti hija proprjetarja ta' terz indiviz biss ta' dawn il-fondi.

"Ghalhekk, wara li kkunsidrat id-drittijiet fundamentali kollha li fil-fehma ta' din il-Qorti gew lezi kif fuq spjegat, u wara li din il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-estensjoni tal-fondi in kwistjoni u t-tul ta' zmien tal-lezjonijiet imsemmija, il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta' rikorrenti ghandha tinghata kumpens ghal danni morali ta' ghaxart elef Ewro (€10,000)."

.................................... omissis ....................................

**L-Appell tal-Intimati**

6. Dan hu bazat fuq is-segwenti aggravji: [1] li ma kienx hemm dewmien fit-termini tal-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni lanqas bejn is-snin 1993 u 2009; [2] li ma jistax validament jinghad li anke f'dawn is-snin, ir-rikorrenti ma kellhiex access ghall-Qorti, imma kienu r-rikorrenti li baqghu passivi tul dawn is-snin; [3] li r-rimedju moghti ma kienx wiehed gust.

*L-ewwel aggravju – Dewmien*

7. F'dan l-aggravju l-intimati qed jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti kkonkludiet li bejn is-snin 1993 u 2009 kien hemm dewmin li jivvjola kemm l-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni, kif ukoll l-Artikolu 1

tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, stante li, rizultat ta' dan id-dewmin da parti tal-intimati sabiex jikkonkludu l-process tal-esproprju, gie vjolat id-dritt tar-rikorrenti ghall-access ghal awtorita` gudikanti, kif ukoll id-dritt tat-tgawdija tal-possidimenti taghha tul dawn is-snin.

8. Dan l-aggravju huwa msejjes fuq is-sottomissjonijet segwenti maghmula mill-intimati:
[1] li l-applikazzjoni tal-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni hija limitata ghall-proceduri li jkunu diga` nbdew quddiem l-awtorita` gudizzjarja, u t-tul taz-zmien li jkunu hadu l-proceduri amministrattivi precedenti dawk il-proceduri ma ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet tal-ezami dwar jekk giex vjolat l-imsemmi artikolu.

[2] li r-rikorrenti tahti wkoll ghad-dewmien ghax ma utilizzatx ir-'rimedju ordinarju' disponibbli ghaliha, meta tul dan iz-zmien kollu ma stitwitix proceduri fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex din il-Qorti tiffissa terminu qasir u perentorju li fih il-Kummissarju intimat kellu jagixxi biex ikompli u jiffinalizza l-procedura tal-esproprijazzjoni.

[3] li huma ma jahtux ghad-dewmien ghax dan kien dovut ghac-cirkostanzi li sabu ruhhom fihom l-intimati meta, wara l-hrug tal-permess fis-sena 1996, irriskontraw diffikulta` sabiex jizgombraw u jirrilokaw l-inkwilini li kienu qeghdin fil-postijiet tar-rikorrenti. Di fatti kien fis-sena 2007, wara li gie konkluz dan il-process, li l-intimati mbarraw l-accessi ghall-proprjetajiet in kwistjoni u hadu pussess effettiv.

[4] li l-ewwel Qorti ma tatx id-dovut konsiderazzjoni lanqas ghall-fatt "illi mill-mument li gew depozitati l-flus mill-Kummissarju tal-Artijiet kien f'dak il-punt jispetta lis-socjeta` rikorrenti li tagixxi u ghalhekk ma jistax jigi attribwit dewmien lill-esponent ghall-inattivita` tal-istess socjeta` rikorrenti."

[5] li l-ewwel Qorti ma tatx id-debita konsiderazzjoni ghall-imghax dovut bil-ligi lir-rikorrenti mid-data li l-proprjeta` ttiehdet fizikament, kif ukoll tal-fatt li l-proprjeta` [108 u

109] kienu ghal zmien twil fi stat ta' abbandun u kienu jehtiegu spejjez enormi f'riparazzjonijiet.

9. Illi rigward l-ewwel ilment, din il-Qorti tikkondividi pjenament il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti bazati fuq kazistika lokali u dik tal-Qorti Ewropea. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza **Vica Limited v. Kummissarju tal-Artijiet**[1]:
"69. Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, biex jigi stabbilit jekk il-proceduri ghad-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligazzjonijiet civili jkunux hadu "zmien ragjonevoli" id-data li minnha jibda jigi komputat iz-zmien mhux necessarjament id-data li fiha jkunu nbdew il-proceduri rilevanti. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fuq citat, ***John Curmi nomine v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et*** fil-fatt irriteniet li l-fatt li l-Kummissarju tal-Artijiet dam biex beda l-proceduri jammonta ghal vjolazzjoni ta' d-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli. "Dan id-dewmien tal-intimat milli jibda l-proceduri jivvjola l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni in kwantu jammonta ghal privazzjoni minn access ghal tribunal imparzjali u indipendenti."

"Naraw ukoll kif fil-kaz ***Golder v. UK*** il-Qorti Ewropea ghad- Drittijiet tal-Bniedem irriteniet li z-"zmien ragonevoli" jista' jibda' jiskatta anke qabel ma jinbdew il-proceduri quddiem Qorti jew tribunal. Hija spjegat li ghalkemm id-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli ovvjament japplika ghal proceduri li jkunu diga nbdew, dan ma jfissirx li dan id-dritt ghal smigh xieraq jeskludi d-dritt li tali proceduri jinbdew. *"While the right to a fair, public and expeditious judicial procedure can assuredly apply only to proceedings in being, it does not, however, necessarily follow that a right to the very institution of such proceedings is thereby excluded."* Hija rriteniet li hekk kif f'materja kriminali l-komputazzjoni taz-zmien ragonevoli jista' jiskatta anke qabel ma jindbew il-proceduri quddiem Qorti jew tribunal, *"It is conceivable also that in civil matters the reasonable time may begin to run, in certain circumstances, even before the issue of the writ*

[1] Deciza – 3 Frar 2012.

*commencing proceedings before the court to which the plaintiff submits the dispute.*[2] ”

10. Ukoll fil-kaz *Kiurkchian v Bulgaria* l-Qorti Ewropea osservat hekk:
“...............when under the national legislation an applicant has to exhaust a preliminary administrative procedure before having recourse to a court, the proceedings before the administrative body are to be included when calculating the length of the civil proceedings for the purposes of Article 6 [ see *Konig v Germany*, judgment of 28 June 1978 …..; *Schouten and Meldrum v the Netherlands,* judgment of 9 December 1994… and *Vallee v France*, judgment of 16 April 1994][3] ”

11. Ghalhekk, fil kaz odjern, in-nuqqas tal-Kummissarju intimat, wara il-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni fis-sena 1993 u tul iz-zmien kollu sas-sena 2009, li johrog l-avviz ghal-ftehim [notice to treat] skont il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, kien jikkostitwixxi ostakolu legali ghall-rikorrenti sabiex din setghet tipprocedi quddiem il-Bord, jew tiehu l-kumpens. F'dan is-sens l-ewwel Qorti, korrettament osservat li dan il-fatt ikkaguna dewmien ingustifikat li jivvjola mhux biss id-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli, imma anke d-dritt taghha ghat-tgawdija tal-possedimenti taghha.

12. Din il-Qorti ma tieqafx hawn, izda tkompli tosserva, kif del resto osservat ukoll l-ewwel Qorti, li anke wara d-dikjarazzjoni presidenzjali li harget f'Gunju 2009, u minkejja li l-Kummissarju intimat iddepozita f'bank lokali l-flus tal-kumpens hemm indikat, xorta wahda huwa naqas milli jinnotifika lir-rikorrenti kif jitlob l-Artikolu 9 tal-Kap. 88, anke bil-fakolta` moghtija lilu bl-Artikolu 10 tal-istess Kap. b'mod li kif osservat l-ewwel Qorti il-process *“jidher li ghadu stagnat peress li l-intimat Kummissarju tal-Artijiet naqas u qed jonqos milli jipprocedi kif trid il-ligi.”*

13. Ghalhekk dan l-ilment mhuwiex fondat.

---

[2] Ara ukoll Q.Kos. ***Dr.Rene` Frendo Randon et v. Kummissarju tal-Artijiet*** – 10 Lulju 2012.
[3] Para. 51.

14. Rigward it-tieni lment dwar 'ir-rimedju ordinarju' li skont l-intimati kien disponibbli ghar-rikorrenti sabiex din iggieghel lill-Kummissarju initmat jipprocedi bil-proceduri tal-esproprju skont il-ligi, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li dan in-nuqqas, *se mai*, ghandu relevanza fil-komputazzjoni tal-*quantum* tad-danni, izda ma jnaqqas xejn mill-obbligu li l-Kummissarju ghandu sabiex jimxi tempestivament skont il-ligi. M'ghandux ikun *"l-istess vittma li jistitwixxi proceduri biex jigi fissat terminu li fih l-awtorita` pubblika ghandha taqdi d-dmirijiet taghha*[4]*"*. Kif osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f'sede Kostituzzjonali fil-kawza **Rosaria Schembri et v. Avukat Generali**, *"l-obbligu li jagixxi hu mpost mil-ligi fuq l-awtorita` komeptenti u mhux fuq ir-rikorrenti, u ghalhekk [l-awtorita`] hija responsabbli ghad-dewmien li kien hemm f'dan il-kaz biex inbdew il-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet"*[5].

15. Ghalhekk dan l-ilment huwa nfondat.

16. Fit-tielet ilment taghhom l-intimati jsostnu li d-dewmien fil-proceduri tal-espropriju ma kienx dovut ghal nuqqas da parti taghhom, izda kien kagun tac-cirkostanzi li huma kellhom ihabbtu wicchom maghhom sakemm eventwalment gew zgumbrati n-nies li kienu jokkupaw uhud mill-postijiet *de quo*.

17. Fir-rigward din il-Qorti ma tistax tinjora d-diffikultajiet li rriskontraw l-intimati sakemm dahlu fil-pussess tal-proprjetajiet u wkoll sabiex il-progett jigi mfassal mill-periti u jikseb l-approvazzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar. Fis-sena 1993 kienu saru zewg applikazzjonijiet, izda f'dan ir-rigward l-intimati kellhom jiffaccjaw oggezzjonijiet min-naha tal-*Heritage Advisory Committee* li wasslu ghall-irtirar tal-istess applikazzjonijiet. Sussegwentement saret applikazzjoni gdida, ghan-nom tal-Avukat Generali intimat, fit-18 ta' Settembru 2000 li ghadha pendenti quddiem l-

---

[4] Sent – pg. 21.
[5] P.A. (Kost) 29/4/2005 deciza finalment mill-Q. Kost. fis-6/4/2006 [ghalkemm il-Q. Kost ma dahlitx fiha ghax ma kien hemm ebda aggravju fuq hekk]

Awtorita` tal-Ippjanar. Ghal din l-applikazzjoni kien hemm fis-sena 2001 oggezzjonijiet da parti tal-Kumitat ghar-Riabilitazzjoni tal-Belt Valletta, u oggezzjonijet sussegwenti fis-sena 2010 maghmula mill-Kummissjoni Persuni b'Dizabilita` minhabba d-diversi dizlivelli li kien ser ikun hemm bl-unjoni tad-diversi fondi. Min-naha taghha l-*Heritage Advisory Committee* kienet qed toggezzjona ghat-twaqqiegh ta' wahda mill-faccati tal-bini esproprijat, u eventwalment anke fir-rigward ta' sular addizzjonali propost f'wahda mill-fondi. Kien hemm ukoll tibdil fil-periti inizjalment inkarigati mill-progett. Rizultat ta' dan kollu, bil-konsegwenzjali tibdil fil-pjanti sottomessi lill-Awtorita` tal-Ippjanar, l-applikazzjoni ghadha pendenti.

18. Il-provi juru li kien hemm hafna diffikultajiet, partikolarment l-izgumbrament tal-inkwilini mill-fondi formanti parti mill-progett. Fir-rigward, il-Kummissarju fix-xhieda tieghu jghid li, filwaqt li l-fondi 108 u 109 Triq l-Arcisqof kienu dejjem fi stat ta' abbandun, il-fond 124 fi Triq id-Dejqa kien mikri[6]. Kien hemm kirjiet ohra f'fondi ohra.

19. Min-naha l-ohra pero` din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, hi tal-fehema li l-intimati kaxkru saqajhom fil-process tal-esproprju, tant li, ghalkemm fis-sena 1996 hareg permess sabiex jibda l-izvilupp, dan thalla jiskadi mill-intimati, probabbilment dan kien dovut ghall-fatt li l-intimati ma kienux ghadhom fi stat li jiehdu pussess tal-fondi kollha; izda min-naha l-ohra ma jistax jigi njorat il-fatt li l-Kummissarju ma kienx hareg l-avviz ghall-ftehim, u ghalhekk ir-rikorrenti kellha ostakolu legali sabiex tiehu l-kumpens, jew tikkontesta l-kumpens li jkun offrut quddiem il-Bord. Dan ma sarx, kemm ghax kif xehed l-istess Kummissarju il-Gvern ma kienx ghadu ha l-pussess tal-fond, kif ukoll ghax *"ma kienx hemm fondi provduti biex ihallas lill-owners[7]".*

---

[6] Vol. 1 – fol. 346.

[7] Vol.1 – fol. 340. Il-Kummissarju spjega li qabel l-emendi tas-sena 2005 ma kienx mehtieg li l-Gvern ikollu l-fondi lesti qabel ma jghaddi ghall-esproprijazzjoni ta' proprjeta`. F'dak iz-zmien qabel ma tigi konkluza l-esproprijazzjoni il-proprjeta` tibqa' tas-sid, soggetta ghal proceduri tal-esproprijazzjoni.

20. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti thoss li ghandha taqbel mal-ewwel Qorti li l-izgumbrament u rilokazzjoni tal-inkwilini kemm tal-fond 124 Triq id-Dejqa, u anke tal-fondi privati ohra, ma kellhiex tiehu erbatax (14)-il sena. Rizultat ta’ dan, is-socjeta` rikorrenti sofriet telf, ghalkemm sas-sena 2009 baqghet is-sid, izda l-fondi kienu soggetti ghall-esproprijazzjoni, u ghalhekk il-valur potenzjali taghhom kien ftit li xejn. Kif gustament osservat l-ewwel Qorti, *“Hu veru li l-gvern jista’ jargumenta li ma kellux rizorsi bizzejjed biex jakkomoda lil kull min jabita fil-bini, izda jekk kien hekk allura ma kellux jifriza l-proprjeta` ghall-erbatax (14)-il sena, imma kellu jahseb li jkollu akkomodazzjoni alternattiva qabel ma jipprovdi bl-esproprju.”*

21. Ghaldaqstant dan l-ilment huwa nfondat, stante li ma jistax validament jinghad li d-dewmien kien dovut unikament ghar-ragunijiet li fuqhom l-intimati ma kellhomx kontroll.

22. Rigward <u>ir-raba’ ilment</u>, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak osservat minnha fil-paragrafu 12, u ghall-istess raguni tqis dan l-ilment infondat.

23. Rigward <u>il-hames ilment</u> ta’ dan l-aggravju, rigwardanti l-imghax fuq il-kumpens, dovut *ex lege* ghad-dewmien fl-ghoti tal-kumpens, din il-Qorti tirribadixxi li dan l-imghax ma jistax jitqies bhala sostitut ghal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghalkemm dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-kumpens li jista’ jkun dovut minhabba dik il-lezjoni. Kif gustament sottomess mir-rikorrenti l-imghax dovut *“ma jistax jissostitwixxi d-dritt tas-sid esproprijat li jinvesti l-valur gust u reali tal-beni li jkunu ttehdulu huwa stess fil-mod jidhirlu l-aktar xieraq*[8]*”.* Din il-Qorti zzid ukoll li, minkejja li sas-sena 2009 ir-rikorrenti baqghet proprjetarja tal-fondi, kif diga` osservat, il-possibbilita` li din tiddisponi mill-

---

[8] Ara Q. Kos. ***Avukat Dr.Davit Tonna pro et noe v. Kummissarju tal-Artijiet*** – 3 Marzu 2011; ***Avukat Dr.Rened’ Frendo Randon et v. Kummissarju tal-Artijiet*** – 10 Lulju 2009.

proprjeta` taghha b'mod li ggib prezz li joqrob il-valur reali tal-fond kienet remota hafna.

Kif osservat din il-Qorti fil-kaz ***Frendo Randon***:
"29. Il-fatt li l-Kummissarju appellant irid ihallas l-interessi ossia imghaxijiet ghal kull dewmien, mhux sufficjenti sabiex jissodisfa n-ness ta' proporzjonalita`, ghaliex ma hux gust li sid ta' art jithalla fil-limbu u fil-frustrazzjoni ghal ghexieren ta' snin, meta huwa seta' jinvesti huwa stess u bl-ahjar mod li jidhirlu huwa, il-kumpens li kien dovut lilu ghall-esproprijazzjoni."

24. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat u qed jigi respint.

*It-tieni aggravju – Access ghal tribunal indipendenti*

25. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex issib li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 konsistenti fin-nuqqas ta' access da parti tar-rikorrenti ghal awtorita` gudikanti bejn is-snin 1993 sa 2009. L-intimati jilmentaw mill-fatt li dik il-Qorti fl-ezami tal-punt jekk f'dan il-perjodu l-Bord setghax jitqies bhala tribunal imparzjali u ndipendenti, wasslet ghall-konkluzjoni negattiva bir-rizultat li, allura f'dak il-perjodu, kien negat lir-rikorrenti access ghall-awtorita` gudikanti fit-termini tal-imsemmi artikolu tal-konvenzjoni. Huma jsostnu li din il-pregudizzjali ma kellhiex tigi ezaminata *in vacuo*, izda kellha tigi ezaminata fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

26. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li huwa minnu li l-ewwel Qorti strahet fuq l-insenjament ta' din il-Qorti fil-kawza **Avukat Dottor Rene Frendo Randon pro et v. Il-Kummissarju tal-Artijiet**[9] meta wasslet ghall-konkluzjoni li qabel l-emendi tas-sena 2009 il-Bord, tenut kont ta' kif kienet issir il-hatra tal-membri teknici u ta' kif kien jiffunzjona, ma kellux dawk il-garanziji rikjesti sabiex jikkwalifika bhala tribunal imparzjali u indipendenti fit-termini tal-Artikolu 6. Mill-banda l-ohra ma jistax jigi njorat dak li osservat l-istess Qorti, u li rrizulta mill-provi, li,

[9] Supra.

ghalkemm fis-sena 1993 kienet giet ippubblikata d-dikjarazzjoni, il-Kummissarju intimat baqa' ma harigx l-avviz ghal ftehim. Kif kienet vigenti l-ligi f'dak iz-zmien, ir-rizultat kien li r-rikorrenti ma setghetx tkun taf x'kien ser ikun il-*quantum* tal-kumpens offrut, u ghalhekk ma setghetx tirreagixxi legalment, la billi taccetta l-kumpens suppost offrut, u lanqas billi tikkontesta dan il-kumpens bil-proceduri quddiem il-Bord. F'dan is-sens, kien hemm ostakolu legali li kien jikkostitwixxi ksur tad-dritt tar-rikorrenti ghall-access ghal tribunal fit-termini tal-Artikolu 6.

27. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat

*It-tielet aggravju - Kumpens*

28. Dan jirrigwarda l-kumpens ta' (ghaxart elef Ewro) €10,000 f'danni morali li l-ewwel Qorti llikwidat favur is-socjeta` rikorrenti.

29. L-intimati jsostnu li l-ewwel Qorti *"qatt ma kellha taghti rimedju f'forma ta' danni, peress li l-appellat ghandu rimedju ordinarju li qed jinqeda bih kontestwalment ma' din l-azzjoni f'liema rimedju ordinarju qed jintalbu d-danni".* Inoltre, fil-komputazzjoni tal-kumpens, l-ewwel Qorti kellha tikkonsidra *"il-fatt li r-rikorrenti damu sittax-il sena biex jibdew dawn il-proceduri. Fil-fatt, id-dikjarazzjoni in kwistjoni tal-President ta' Malta saret fl-1993 u huma ntavolaw il-proceduri odjerni fl-2009".* In fine, l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt li s-socjeta` rikorrenti ghandha biss terz indiviz mill-fondi *de quo* u li hemm kawza ohra li qed timxi kontestwalment maghmula minn kompropretarji ohra.

30. Din il-Qorti tosserva li, fl-ewwel lok, id-danni materjali ghandhom jinzammu distinti mid-danni morali, ghax iz-zewg kuncetti ghandhom *ratio legis* differenti, fis-sens li, f'tal-ewwel l-iskop huwa dak li minn sofra hsara materjali jigi kumpensat b'danni bazati fuq it-telf materjali subit minnu, filwaqt li f'tal-ahhar, l-iskop huwa sabiex, min sofra ksur ta' xi dritt fundamentali tieghu jigi kumpensat ghal dik il-lezjoni rrispettivament mit-telf materjali li hu jkun

sofra. Ghalhekk, il-fatt li r-rikorrenti ghad ghandha rimedju ordinarju sabiex tigi kumpensata ghat-telf materjali li sofriet ma jnaqqas xejn mid-dritt taghha li tigi kumpensata ghal-lezjoni subita minnha bil-ksur tad-drittijiet fundamentali taghha. Apparti minnhekk, jinghad li dawn iz-zewg rimedji jistghu jikkoezistu, fis-sens li l-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali jistghu, jekk jidhrilhom xieraq fil-kaz partikolari, jaghtu kemm danni morali kif ukoll danni reali, ghax ghalkemm dawn huma distinti, wahda ma teskludix lill-ohra.

31. Fil-kaz odjern l-ewwel Qorti, wara li osservat li r-rikorrenti ma wrietx x'danni soffriet realment minhabba d-dewmien, mehud in konsiderazzjoni li l-proprjeta` baqghet taghha sal-2009, deherilha li ghandha taghti danni morali biss sabiex jaghmlu tajjeb ghal-lezjonijiet li sofriet ir-rikorrenti.

32. Din il-Qorti taqbel mar-ragunament tal-ewwel Qorti fir-rigward, li hu konformi ma' dak li din il-Qorti osservat fil-kawza **Vica Limited v. Kummissarju tal-Artijiet**[10]:

"Din il-Qorti, izda, tirritjeni li f'kazijiet bhal dak odjern il-proceduri kostituzzjonali ghandhom il-ghan li jindirizzaw il-lezjoni tad-dritt fundamentali billi kemm jista' jkun ipoggu lic-cittadin f'pozizzjoni daqs li kieku dak il-ksur qatt ma sehh. Jekk wiehed irid jitkellem fuq *standards* allura dak stabbilit minn din il-Qorti f'kazijiet simili ghal dan hu fis-sens li ghandu jinghata kumpens pekunjarju ghal-lezjoni sofferta."

33. Ukoll, kif osservat minn din il-Qorti fil-kawza **Victor Gatt et v. Avukat Generali**[11]*:*

".. id-decizjoni li dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni wahedha tkun bizzejjed hija l-eccezzjoni u ghandha tkun rizervata ghal kazijiet fejn hemm rimedju jew fejn il-konsegwenzi huma zghar. Fil-kazijiet l-ohra, fejn il-lezjoni hija aktar serja l-Qorti ghandha taghti kumpens pekunjarju ghal dik il-vjolazzjoni."

---

[10] Deciza – 3 Frar 2012; ara wkoll Q. Kos. **Maria Xuereb et v. Direttur tal-Artijiet** – deciza 19 April 2012.

[11] Deciza – 5 ta' Lulju 2011 pg. 22.

34. Fil-kaz odjern ma jstax jinghad li l-lezjoni sofferta mir-rikorrenti ghandha konsegwenzi zghar, u dan tenut kont tal-fatt li l-vjolazzjoni subita minnha testendi ghal snin shah.

35. Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li, l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni tal-fatt li l-intimati damu circa erbatax (14)-il sena sabiex jutilizzaw ir-rimedju ordinarju tant li, fil-komputazzjoni tad-danni, osservat li *"is-socjeta` rikorrenti, f'dan il-kaz, qatt ma utilizzaw ir-rimedju ordinarju, izda ressqu din il-kawza biss hafna snin wara li harget l-ewwel dikjarazzjoni ta' esproprijazzjoni. Minhabba f'hekk ghandu jkun hemm temperament fid-danni morali fissati bhala kumpens. Din il-Qorti kkonsidrat ukoll li s-socjeta` rikorrenti kellha proprjeta` ta' terz indiviz biss ta' dawn il-fondi".*

36. Fir-rigward tal-fattur tas-sehem indiviz li r-rikorrenti ghandha fil-fondi *de quo*, hija opportuna l-osservazzjoni li fejn ikun hemm stat ta' komunjoni bejn diversi sidien ikun hemm tant drittijiet fondamentali x'jigu rispettati daqs kemm ikun hemm sidien, u allura jkun hemm tant vjolazzjonijet daqs kemm ikun hemm sidien.

37. Ferm il-premess, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kumpens morali likwidat mill-ewwel Qorti ghall-perjodu li jestendi mis-sena 1993 sas-sena 2009, ma jistax jitqies eccessiv. Dik il-Qorti waslet ghalih wara li hadet konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Izda, kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem dan il-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti ser jigi awmentat, ghall-ragunijet li ser jinghataw fil-paragrafi sussegwenti.

38. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**<u>L-Appell tar-rikorrenti</u>**

39. Ir-rikorrenti sejjsu l-appell taghhom fuq erba' aggravji: [1] li l-interess pubbliku ghall-esproprju m'ghadux vigenti; [2] li l-ewwel Qorti kkonfondiet id-dritt ghal smigh xieraq quddiem awtorita` gudikanti, mad-dritt ta' access ghal tribunal imparzjali u indipendenti; [3] li l-Bord ta'

Arbitragg dwar l-Artijiet [il-Bord] ma jikwalifikax bhala tribunal imparzjali u indipendenti; [4] li r-rimedju moghti mhux adegwat.

*L-ewwel aggravju – L-interess pubbliku*

40. Fis-succint, dan l-aggravju hu fis-sens li f'dan il-kaz qatt ma kien hemm interess pubbliku konkret u reali, u anke jekk, ghall-grazzja tal-argument dan kien jezisti fil-bidu tal-esproprju, illum dan l-interess pubbliku huwa mankanti. Dan johrog car mid-dewmien da parti tal-intimati sabiex jibdew il-progett, tant li sallum, ghalkemm ghaddew numru ta' snin mill-esproprju fis-sena 1993, il-progett ghadu ma bedhiex jimmaterjalizza.

41. In sostenn tat-tezi taghhom ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghax-xhieda tal-Kummissarju intimat, moghtija fit-18 ta' Frar 2008, fejn dan jghid li ghad m' hemmx decizjoni defenittiva x'ser isir mill-proprjeta` in kwistjoni.

42. Ir-rikorrenti ssostni li:
"Bini privat li jigi 'ear marked' u esproprijat ghal progett fl-interess pubbliku ghandu jigi trasformat bl-akbar serjeta` ghal dak l-iskop fl-iqsar zmien possibbli. Altrimenti l-element fondamentali tal-interess pubbliku jkun mankanti u l-istitut tal-esproprijazzjoni jigi trasformat mill-Istat f'abbuz maskarat bil-kuncett ta' interess pubbliku."

43. Ir-rikorrenti ssostni wkoll li, fil-kaz li din il-Qorti ssib li l-interess pubbliku f'dan l-esproprju ghadu jezisti, allura *"ghandha timponi terminu fuq l-intimati appellati sabiex iwettqu l-progett li huma qeghdin isostnu li ghandu jsir fl-interess pubbliku".*

44. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li dwar l-interess pubbliku huma applikabbli s-segwenti principji:
L-oneru tal-prova li l-espropriju sar fl-interess pubbliku jirrisjedi fuq l-Istat. Dan l-interess ghandu jibqa' jissussisti sal-mument li l-art tkun defenittivament ghaddiet f'idejn l-Istat bil-konkluzjoni tal-proceduri ta' esproprijazzjoni. L-interess pubbliku hu mmirat lejn il-generalita` u marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-proprjeta` qed tintuza, u

dan indipendentement minn jekk dik l-attivita` tkunx maghmula minn awtorita` pubblika; ma jista' qatt jirreferi ghall-interess essenzjalment privat, u l-interess huwa dejjem privat meta m' ghandux applikazzjoni ghal generalita` tac-cittadin, tal-universalita` tal-pubbliku fl-Istat. Mill-banda l-ohra pero` il-fatt li terz privat, individwu, jibbenefika wkoll mill-esproprijazzjoni jew ikun involut b'xi mod fit-thaddim anke jekk bi profitt ghalih, ta' progett li jkun fl-interess pubbliku u li jkun jirrikjedi esproprijazzjoni ta' art jew possediment iehor, ma jfissirx necessarjament li dik l-esproprijazzjoni ma tkunx saret fl-interess pubbliku. [Q.Kos. *Pawlu Cachia v. Avukat Generali* – 28 Dicembru 2001; Q.Kos. *Tarcisio Borg v. Segretarju Parlamentari Ambjent* – 28 Jannar 2005; Q. Kos. *Mario Cutajar noe v. Kummissarju tal-Artijiet* – 30 Novembru 2001; Q.Kos. *Josephine Mary Vella v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali u Kazin tal-Banda Leonard* – 25 Mejju 2012;]

45. Inoltre l-Istat ghandu margini wiesa ta' x'jikkostitwixxi interess pubbliku. Kif osservat il-Qorti Ewropea fil-kaz **James and Others v The United Kingdom**[12]:
"The Court finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a **wide** one, will respect the legislature's judgment as to what is "in the public interest", unless that judgment be manifestly without reasonable foundation."

46. Fil-mertu din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-esproprju ta' bini bl-iskop li jigi akkomodat fih l-Ufficju tal-Avukat Generali, huwa wiehed pubbliku u maghmul fl-interess tas-socjeta` in generali tenut kont tal-funzjoni tieghu. Dan l-Ufficju jaghti servizz kemm lill-gvern kif ukoll lill-pajjiz in generali. Ghalhekk l-ilment tal-intimati fis-sens li fil-kaz prezenti l-interess pubbliku ma kienx wiehed konkret u reali huwa infondat.

47. Jidher pero` li r-rikorrenti qed tibbaza l-argumenti taghha fuq t-trapass taz-zmien li ghadda mill-

[12] Deciza – 21 Frar 1986.

pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President fis-sena 1993, kif ukoll mill-fatt li sallum il-progett ghadu ma bediex jimmaterjalizza. Tghid li dan id-dewmien huwa prova tal-fatt li l-interess pubbliku kien dejjem mankanti ghax mhuwiex minnu li l-esproprju kien sar sabiex jigu akkomodati ufficini tal-ufficju tal-Avukat Generali. Sekondarjament, anke jekk inizjalment kien jezisti dan l-iskop, illum dan m'ghadux vigenti. Fir-rigward jaghmlu referenza ghax-xhieda tal-Kummissarju kif indikat fil-para. 53[13].

48. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li l-fatt li l-progett ghadu ma mmaterjalizzax minkejja t-trapass taz-zmien, ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li espropriju ma kienx sar fl-interess pubbliku, ghax jista' jkun hemm fatturi li jispjegaw u parzjalment jiggustifikaw, dan id-dewmien. Inoltre, kif ritenut minn din il-Qorti:
"Mhux eskluz li proprjeta` tigi esproprijata fl-interess pubbliku ghax kien hekk mehtieg biex tigi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' progett ta' utilita` partikolari fil-kuntest tal-izvilupp partikolari taz-zona, jew biex taghti lok, per ezempju, ghall-espansjoni futura tal-istess progett[14]."

49. Mill-provi jirrizulta li l-fondi in kwistjoni kienu gew esproprijati, flimkien ma' proprjetajiet adjacenti tal-Gvern ghall-iskop fuq indikat. Uhud minn dawn il-proprjetajiet, partikolarment dawk tal-Gvern, kienu fi stat ta' abbandun, jigifieri ma kienux abitabbli, filwaqt li f'ohrajn, proprjeta` tal-privat, kienu jservu ta' residenza ghan-nies, uhud b'titolu legali, ohrajn kienu bla titolu. Ghalhekk qabel il-Gvern seta' jiehu l-pussess ta' dawn il-fondi mikrijin lil terzi mill-privat, kellha tinstab akkomodazzjoni alternattiva ghall-inkwilini li, ghandu jinghad ukoll, min-naha taghhom urew rezistenza ghall-izgumbrament, tant li eventwalment kellha tinhareg ordni ta' zgumbrament fil-konfront ta' dawn in-nies. Fis-sena 2007 gie zgumbrat kulhadd, inkluz dawk li kienu bla titolu, u l-access ghal dawn il-postijiet gew imbarrati.

---

[13] Infra.
[14] Q.Kos. ***Pawlu Cachia v. Avukat Generali*** – Deciz 28 Dicembru 2001; Q.Kos. ***Anthony Pullicino et v. Avukat Generali*** – Deciz 30 April 2007.

50. Fir-rigward, il-paragun maghmul mir-rikorrenti bejn il-proprjetajiet u l-proprjetatjiet ohra li twaqqghu minhabba l-progett ta' bieb-il Belt ma jregix fic-cirkostanzi, stante li dawn il-tal-ahhar kienu hwienet u mhux residenzi, u b'mod aktar emfatiku, jinghad li dawn kienu diga` proprjeta` tal-Gvern, ghalhekk ma kienx kaz ta' esproprju, izda kien kaz ta' rilokazzjoni jew kumpens ta' inkwilini tal-Gvern[15].

51. Huwa minnu li dan il-process ha snin twal, u kien hemm tnikkir da parti tad-dipartiment koncernat kif fuq indikat, izda dan ma jfissirx li -interess pubbliku ma baqax jezisti. Di fatti jirrizulta li sar xoghol preparatorju sa mill-bidunett tal-espropriju, bir-rizutlat li fis-sena 1996 kien hareg il-permess relattiv mill-Awtorita` tal-Ippjanar, izda dan thalla jiskadi peress li f'dak iz-zmien kien ghad hemm inkwilini li kellhom jigu rilokati.

52. Rigward dak li qal il-Kummissarju intimat fix-xhieda tieghu dwar li ghad m'hemmx decizjoni definittiva x'ser isir mill-proprjeta` esproprijata il-Qorti tosserva li dan il-kumment ghandu jitqies fil-kuntest tieghu. F'dak l-istadju tad-depozizzjoni tieghu x-xhud ma setghax jispjega ghaliex iz-zewg ittri u l-protest mibghut mir-rikorrenti lill-Kummissarju ma gewx imwiegba, u b'mod ipotetiku jew kongetturali qal li *"ma saritx twegiba, jista' jkun peress li wiehed kien ghadu qed jikkunsidra x'ser jigri. Ma bqajtx nghid lis-sidien ejja nhallaskom meta ma kienx ghad hemm decizjoni defenittiva x'se jsir mill-post...... qatt ma kienet li l-ewwel tikkumpensa u mbaghad tidhol fil-post".* Dan juri biss li f'dak l-istadju, wara li l-Gvern ha l-mizuri sabiex eventwalment jizgumbraw u jirrilokaw lill-inkwilini, u n-nies li ma kellhomx titolu, il-Kummissarju kien qed jistenna struzzjonijiet dwar jekk il-progett kienx ser jitkompla. Dan ma jfissirx necessarjament li l-Gvern ma kienx ghad kellu nteress fil-fondi *de quo*.

53. Di fatti kif jirrizulta mill-provi kienu saru diversi pjanti mill-perit dwar dan il-progett, u tant li l-Gvern ma tilifx l-interess fil-progett li f'Gunju 2009 giet ippubblikata dikjarazzjoni gdida ta' tehid ta' proprjeta`, u f'Lulju 2009

---

[15] Dep. Albert Mamo – Vol.1 – Fol.347.

gie ddepozitat fil-Bank il-kumpens indikat fid-dikjarazzjoni ghall-proprjeta` *de quo*. Dan juri li, mhux talli l-interess pubbliku ma spiccax, imma talli l-Gvern, wara li ha pussess tal-fondi, agixxa skont il-ligi ghall-finijiet tat-tehid tal-proprjeta` skont l-ahhar dikjarazzjoni.

54. L-intenzjoni tal-Gvern li jwettaq dan il-progett isib konfort f'dak li qal il-Kummissarju dwar il-proprjetajiet esproprijati, u cioe` *"L-idea li l-ufficcju tal-Avukat Generali jsir hemmhekk kienet idea tajba, peress li kif ghidt 70% tal-kumpless kien tal-Gvern u kien abbandunat, u allura kien worth it li jittiehdu proprjeta` ohra halli l-ufficju jsir hemmhekk[16]."*

55. Rigward it-talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti timponi terminu ghat-tlestija tal-progett li ghalih kienet intiza l-esproprijazzjoni, il-Qorti tosserva li din it-talba hija insostenibbli legalment tenut kont tal-fatt li dak li jehtieg li jigi ppruvat sabiex l-esproprju jkun wiehed legali huwa l-ezistenza tal-interess pubbliku fiz-zmien tal-esproprju u tul il-process tal-esproprju u mhux li l-progett prospettat jitlesta f'terminu determinat.

56. Ghaldaqstant dan l-aggaravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju – Access ghal tribunal indipendenti*

57. L-ewwel parti ta' dan l-aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex issib vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq, fis-sens ta' nuqqas ta' access ghal awtorita` gudikanti limitatament ghas-snin 1993 sa 2009, imma kellha ssib li din il-vjolazzjoni baqghet tissussiti anke wara din l-ahhar data, u sallum, tenut kont li n-nuqqas tal-Kummissarju li jaderixxi mal-obbligi imposti fuqu fl-Artikolu 9[2] tal-Kap.88 ghadu jissussisti u qed jostakola lir-rikorrenti milli tressaq il-proceduri quddiem il-Bord.

58. L-Artikolu 9[2] jaqra hekk:
"(2) L-awtorità kompetenti għandha wkoll tippreżenta kopja tad-dikjarazzjoni u tad-dettalji fir-reġistru tal-Bord, u

[16] Ibid. – Fol. 348.

tordna illi kopja tad-dikjarazzjoni u tad-dettalji għandha tkun notifikata b'mezz tal-Bord, kif stabbilit fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, lil kull sid u lil kull bniedem ieħor li għandu interess skont il-liġi fl-art imsemmija fid-dikjarazzjoni, illi l-awtorità kompetenti tkun taf bihom u taf min huma."

59. Mill-provi jirrizulta li din il-procedura ma gietx segwita mill-Kummissarju[17].

60. Fir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak osservat minnha fil-paragrafu 12, u, ghar-raguni hemm kontenuta, tikkunsidra li dan l-ilment huwa gustifikat, tenut kont ukoll tal-fatt li l-Kummissarju naqas milli jiddepozita kopja tad-dikjarazzjoni mahruga fl-2009 fir-Registru tal-Bord u naqas ukoll milli jinnotifika biha, skont il-ligi, lill-proprjetarji kollha, anke permezz ta' kuraturi[18], u lil kull min ghandu nteress legali fil-proprjeta` indikata fid-dikjarazzjoni. Kif osservat l-ewwel Qorti, dan in-nuqqas da parti tal-Kummissarju kkaguna stagnar fil-process sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tibda l-proceduri quddiem il-Bord.

61. Ghadaqstant din il-parti tal-aggravju tar-rikorrenti hija gustifikata.

62. It-tieni parti ta' dan l-aggravju jirrigwarda l-pozizzjoni legali prezenti dwar il-Bord, u hi fis-sens li, nonostante l-emendi li saru fl-2009, xorta wahda l-Bord ghad m'ghandux ir-rekwiziti necessarji sabiex jikkwalifika bhala tribunal imparzjali u indipendenti ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan, ghas-segwenti ragunijiet: li c-*Chairman* jigi nominat mill-President ta' Malta fuq parir tal-Ezekuttiv li hu parti fil-kawzi quddiem l-istess Bord; li l-Kap. 88 ma jghidx kemm ghandu jdum iservi c-*Chairman* nominat u meta ghandha tispicca l-kariga tieghu; li l-perjodu tal-hatra tal-membri teknici tal-Bord, li l-parir taghhom huwa deciziv, huwa ta' tlett snin, li hu zmien qasir; u <u>li dawn jistghu jigu riappuntati</u>.

---

[17] Ara Xhieda Margaret Falzon Assistant Direttur fid-dipartiment tal-Artijiet... Vol.2- Fol.441; u xhieda Milica Micovic... Vol.2 – Fol.443.
[18] Art.10 – Kap. 88.

In tema legali jigi osservat li dwar il-materja tal-imparzjalita` u indipendenza ta' tribunal fis-sens tal-Artikolu 6 gew identifikati s-segwenti kriterji:
"In determining whether a body can be considered to be 'independent' – notably of the executive and of the parties to the case – the Court has regard to the manner of appointment of its members[19] and the duration of the terms of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence[20]."

"The presence of legally qualified or judical members is a strong indication of independence.[21]

"The mere fact that a minister appoints members does not pose a problem since in many systems judges are appointed on the approval of ministers of justice. However the irremovability of judges is in general a corollary of their independence. .......... [However] the lack of this guarantee is not necessarily fatal if is not apparent that a problem arises in practice. Fixed terms are also regarded as a guarantee if long enough.[22]

"The tribunal must not be subject to instructions in its judicatory role, although it may be compatible for a minister to issue general guidelines...[23].

63. Fil-kaz in dizamina, din il-Qorti tikkonsidra li l-ilment tar-rikorrenti huwa gustifikat fis-sens li, ghalkemm fis-sena 2009 saru emendi fil-ligi bil-ghan li l-Bord ikun jista' legalment jitqies bhala tribunal imparzjali u indipendenti, u, filwaqt li din il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijet maghmula mill-ewwel Qorti rigwardanti il-hatra u r-rwol tac-*Chairman* skont il-ligi llum, kif ukoll il-fatt saljenti li dan

---

[19] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[20] ***Campbell and Fell v. UK*** - Appl.7819/77; 7878/77 – 28Gunju 1984.
[21] **Karen Reid** fil-ktieb: "A Practioner's Guide to the European Convention on Human Rights" 4 Ed.pg.160 b' referenza ghal-kaz ***Le Compte v. Belgium***.
[22] ***Campbell*** – para 79.
[23] Ibid.

m’ ghadux marbut mar-rapport tal-membri teknici meta dawn ikunu unanimi fil-konkluzjoni taghom, izda l-fatt jibqa’ li dawn il-membri teknici *jistghu* jerghu jigu riappuntati. Din is-sitwazzjoni legali ddghajjef serjament it-tezi li l-Bord illum ghandu salvagwardi bizzejjed biex jikkwalifika bhala indipendenti u mparzjali. Il-Qorti tosserva li r-rwol tal-membri teknici, ghalkemm hija subordinat ghad-decizjoni tac-*Chairman*, fil-prattika hija wahda deciziva peress li c-*Chairman* [persuna legali u allura sajjem mill-aspett tekniku tal-kawza] ikun necessarjament influwenzat mid-decizjonijiet tal-membri teknici fejn tidhol materja teknika.

64. Is-sub inciz [3] tal-Artikolu 24, illum jaqra hekk:
“(3) Il-membri tal-lista jistgħu [“shall” fit-test Ingliz] jinħatru għal żmien tliet snin u jistgħu jerġgħu jinħatru mill-ġdid.”

65. Ghalhekk fil-kaz odjern ghadu jghodd dak li osservat din il-Qorti fil-kawza *Frendo Randon*:
“L-Artikolu 24[3] jipprospetta l-possibbilita` li membri teknici jistghu, wara li jiskadi l-perjodu tal-hatra taghhom jergghu jigu mahtura mill-gdid ghal perjodu jew perjodi ohra. Dan il-prospett ta’ tigdid tal-hatra jista’, anke minn lenti purament oggettiva, iservi ta’ incentiv fuq il-membri teknici sabiex ma jaghmlux stimi gholja tal-art li tkun ser tittiehed, biex b’hekk ma jurtawx lill-Ezekuttiv, li minnu jiddependu biex jergghu jigu mahtura[24]”.

66. Il-Qorti tosserva li, ghalkemm fiz-zmien li nghatat l-imsemmija sentenza c-Chairman kien marbut li jaccetta rapport unanimu taz-zewg membri teknici tal-Bord, liema konsiderazzjoni eventwalment wasslet lill-Qorti sabiex, kunsidrata il-posizzjoni legali fit-totalita` taghha kif kienet dak iz-zmien, li l-Bord ma kienx jista’ jitqies bhala indipendenti, izda l-bran fuq citat ghadu japplika b’mod li, anke wara l-emendi, u nonostante li l-Bord huwa presjedut minn Imhallef jew Magistrat, id-diskrezzjoni li l-Ezekuttiv zamm ghalih fil-hatra mill-gdid tal-membri teknici li servew fuq il-Bord ddghajjef serjament dik il-garanzija ta’ imparzjalita` li l-Artikolu 6 jistenna minn tribunal, anke jekk

[24] Para.76

presjedut minn gudikant; *multo magis* meta jitqies il-perjodu qasir tal-hatra taghhom.

67. Inoltre l-fatt li llum hemm appell fuq kull materja li tirrigwarda l-Artikolu 25, ghalkemm dan jaghti aktar opportunita` sabiex jigi sodisfatt id-dritt ta’ smigh xieraq, izda mill-banda l-ohra fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz l-appell ma jissanax l-istat ta’ antikostituzzjonalita` fuq identifikat, stante li l-Qorti tal-Appell ma hix attrezzata biex tkun tista’ effettivament tissindika l-konkluzjonijiet tal-membri teknici tal-Bord.

Ghaldaqstant anke din il-parti ta dan l-aggravju hija gustifikata.

*It-tielet aggravju - Rimedju*

68. Dan l-aggravju jirrigwarda r-rimedju li ghandha taghti din il-Qorti, ghall-vjolazzjoni subita, u li ghadha qed tigi subita, mir-rikorrenti, kawza tal-agir tal-intimati, u ghalhekk ir-rikorrenti qed titlob: li l-proprjeta` esproprijata tigi ritornata lura lilhom, jew li jinghataw il-valur reali taghha bhala danni materjali, apparti d-danni morali li ghandhom jigu fissati f’ammont akbar minn ghaxart elef (€10, 000), kif ukoll li l-Qorti tiffissa terminu sabiex isir il-kuntratt tal-esproprju u sabiex l-intimati jaderixxu mal-Artikolu 9[2] tal-Kap. 88.

69. Fir-rigward il-Qorti tosserva li, kif fuq spjegat ir-rekwizit tal-interess pubbliku ghadu jezisti, u ghalhekk mhux il-kaz li jsir *restitutio in integrum* billi tigi ritornata l-proprjeta` tar-rikorrenti.

70. Inoltre, fic-cirkostanzi, din il-Qorti, ghall-istess ragunijiet moghtija mill-ewwel Qorti, mhux il-kaz li f’din is-sede jigu likwidati d-danni reali, ghax il-legislatur ried jirriserva din il-funzjoni fl-ewwel lok lill-Bord, u huwa biss wara li d-decizjoni tal-Bord tkun defenittiva, anke permezz ta’ appell, li ghandu jigi kkonsidrat ir-rimedju kostituzzjonali f’dan ir-rigward.

71. Rigward il-kumpens bhala danni morali, din il-Qorti, kif gia` osservat waslet ghall-konkluzjoni li d-drittijiet konvenzjonali u kostituzzjonali tar-rikorrenti ghadhom qed jigu miksura, u cioe` d-dritt taghhom ghall-access ghal tribunal imparzjali u indipendenti, u d-dritt taghhom ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli, u dan minhabba nuqqas tal-intimati.

72. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jitqies bhala fondat limitatament ghall-*quantum* tal-kumpens ghal-lezjoni subita, u li din il-Qorti qed tikkomputa fl-ammont ta' hmistax-il elf (€15,000).

*Is-sitt aggravju - Spejjez*

73. Dan hu fis-sens li r-rikorrenti m'ghandhiex tbati spejjez, peress li nstab ksur tad-drittijiet fundamentali fil-konfront taghha, u dan ghandu jezoneraha milli thallas spejjez ta' dawn il-proceduri. Fir-rigward il-Qorti tosserva li ghalkemm huwa minnu li f'dan il-kaz gie ravvizat fil-konfront tar-rikorrenti lezjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq taht zewg aspetti kif fuq indikat min-naha l-ohra ma tistax tinjora l-fatt li tul dan iz-zmien kollu, u cioe` mis-sena 1993, ir-rikorrenti ma hadet ebda passi sabiex iggieghel lill-Kummissarju johrog l-avviz ghal ftehim, u dan avolja fis-sena 2007 kien gie zgumbrat kulhadd mill-fondi formanti parti mill-progett prospettat.

74. Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tikkunsidra dan l-aggravju ingustifikat, u m'ghandhiex tiddisturba l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, tichad l-appell tal-intimati; u tilqa' l-appell tar-rikorrenti in parte u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti, billi, tirrevokaha fejn sabet ksur tal-Artikolu 6 u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni limitatament ghall-perjodu bejn 1993 u 2009, u minflok, tilqa' it-talbiet relatati mal-pretensjoni li s-socjeta` rikorrenti qeghdha u ghadha llum issofri min-

nuqqas ta’ access ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli u quddiem tribunal indipendenti u mparzjali fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u bil-konsegwenzjali vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, u tawmenta l-ammont tal-kumpens dovut bhala danni morali ghal hmistax-il elf euro (€15,000); tikkonferma l-bqija tas-sentenza.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjez tal-appell ghandhom jigu spartiti in kwantu ghal terz [$^{1}/_{3}$] mir-rikorrenti, u zewg terzi [$^{2}/_{3}$] mill-intimati.

Fl-ahharnett, in vista ta’ dak deciz dwar “*it-tieni aggravju [tar-rikorrenti] – Access ghal tribunal indipendenti”* minn para. 62 sa 67, tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi trasmessa mir-Registratur, Qrati u Tribunali Civili, lill-i*Speaker* tal-Kamra tar-Rapprezentanti ghall-finijiet tal-Artikolu 242[1] tal-Kap.12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------